MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Numru 62/2006

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia u
Sp Victor Aquilina)
vs
Dennis Cilia, iben Peter,
imwieled Pieta’ fil-25 ta’
april, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-23 ta’ jannar, 2006, għal ħabta tas-6.00 a.m., waqt li kien f’Ħal-Lija, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioe’ serq mill-fond ‘Każin Partit Nazzjonalista’ ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltija, bil-mezz u bil-ħin għad-dannu ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

2. talli f'Attard, fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' jannar, 2006, flimkien ma persuna oħra mhux magħrufa, ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti mill-fond tal-Kunsill Lokali Attard, fi Triq il-Kbira, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-mitt lira maltin iżda inqas minn elf lira maltin, bil-lok u bil-ħin u li seħħ għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
3. talli fid-29 ta' diċembru, 2005, bil-lejl, fi Triq Santa Rita, San Ġiljan, ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti u dokumenti, li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitt lira maltin iżda anqas minn elf lira maltin, minn ġo vettura ta' l-għamla Fiat Cinquecento, bin-numru tar-reġistrazzjoni CIC 384, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Francesca Vella;
4. talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' frar, 2005 fi Triq Villa Rosa, San Ġiljan ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom dokumenti u apparat tal-fotografija, li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitt lira maltin iżda anqas minn elf lira maltin, minn ġo vettura ta' l-għamla Daihatsu Cuore, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAC 373, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Mauro Calleja;
5. talli fit-23 ta' jannar, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'ċirkostanżi differenti, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti misruqin ġew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-valur;
6. talli fl-24 ta' jannar, 2006 għal ħabta ta' l-10.30 a.m. ġewwa l-Belt, Valletta minn ġewwa l-post ta' detenzjoni u cioe' vettura tal-korp tal-pulizija, ikkometta ħarba bi ksur minn dan il-post ta' kustodja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' jannar, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 41(1)(a), u 160 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali u l-ammissjoni tiegħu fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------